PARROĊĊA SANTU WISTIN

36/2008

AVVIŻI

6 TA' SETTEMBRU 2009 - 13 TA' SETTEMBRU 2008

1. **Llum huwa l-ewwel Ħadd tax-xahar, għalhekk il-ġbir li ser isir ikun għall-bżonnjiet u l-ispejjeż tal-Knisja. Nirringrazzjawkhom ħafna tal-ġenerozità taghkom u ta' l-għajnuna li dejjem toffru.**

2. **Nhar t-Tlieta 8 ta' Settembru, hija l-Festa tat-Twelid tal-Verġni Marija.** Għalkemm ma hijiex festa kmandata hija ħaġa xierqa li nqaddsu dan il-jum bis-smiegħ tal-Quddies. Il-ħinijiet tal-quddies f'din il-Knisja jkun bħal dak ta' nhar ta' xogħol.

3. Din il-Ġimgħa hija l-aħħar ta' l-iskola sajf, organizzata mill-Parroċċa bis-sehem taż-żgħazagħ, Kunsill Lokali, YMCA, Valletta Comunity Network u St. Albert. Din l-iskola hija b'skop li ngħinu lit-tfal japprezzaw id-dinja ta' madwarhom. Din is-sena t-tema li għażilna hija tfal u żgħażagħ nerġgħu niskopru l-Belt . Din l-iskola se tibda bil-quddiesa fit-8.15 am.
**Programm ta' din il-Ġimgħa**
**It-Tnejn 7 ta' Settembru** - 9.00 am it-tfal ħiergin se jkomplu t-treausre hunt malt-Belt
**L-Erbgħa 9 ta' Settembru** - It-tfal u l-ġenituri se jkollhom l-okkazzjoni li mmorru naraw it-tujur Falcon is-Siġġiewi. Il-Prezz tat-Tfal huwa Euro5 u l-ġenituri huwa 6 Euros. It-Tluq ikun fid-8.30 am minn hdejn id-duttrina

4. **Nhar il-Ġimgħa 11 ta' Settembru 2009,** sejra ssir Ħarġa għat-tfal u l-ġenituri. Il-Ħarġa se tkun Splash and Fun. Importanti li t-Tfal u l-ġenituri li ġejjin jinfurmana bil-miktub sa nhar it-Tlieta **8 ta' Settembru 2009**. Il-Prezz se jkun ta' 5 Euros għat-tfal u 7 Euros għall-ġenituri. Importanti li t-tfal li jattendu jkollhom wkoll il-prezenza tal-ġenituri tagħhom.

5. **Matul din il-ġimgħa sejrin nibdew naċċettaw it-tfal għad-duttrina li twieldu fis-sena 2003**. Il-Formoli tistgħu tiksbuhom mis-sagristija jew inkella mill-Uffiċċju Parrokkjali. It-tfal għad-duttrina jridu jkunu twieldu fis-sena 2003. NixtieqU navżaw lil dawk il-ġenituri li ordnaw DVD tal-Praċett biex jiġbru l-DVDs mill-Uffiċċju Parrokkjali fil-ħin ta' l-Uffiċċju.

6. Dawk **l-għarajjes li sejrin jiżżewġu din is-sena jew is-sena d-dieħla għandhom ikellmu lill-Kappillan** minħabba l-Kors ta' Kana u l-laqgħat ta' preparazzjoni. Il-Kors ta' Kana se jibda nhar l-Erbgħa 7 ta' Ottubru 2009.

7. **Fis-Sagristija hemm il-Fuljett Parrokkjali.** Nitolbu lil dawk li jqassmu l-fuljett tal-Parroċċa biex jidħlu fis-Sagristija biex jiġbru l-pakkett tagħhom. Nirringrazzjawkom tas-Servizz li qiegħdin toffru.

8 **Nixtieq nirringrazzja lil dawk il perusni li taw id-donoazzjoni għal dik il-familja li t-tifla tagħhom telgħat l-Ingiterra għall-Kura. Il-familja tixtieq tirringrazzja lil dawk kollha li għennu. Is-somma miġbura kienet is-somma ta' Euro 1857.00**